Is-saċerdot **Joseph Bezzina** hu l-Arkivista tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex, kif ukoll il-Lecturer ta' l-Istorja tal-Knisja u tal-Patroloġija fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Għawdex.

L-awtur speċjalizza fix-Xjenza Arkivistika fl-iskola magħrufa ta' dan is-suġġett fil-Belt tal-Vatikan. Hemmhekk ippreżenta teżina dwar l-ordinament ta' l-Arkivju tal-Kurja ta' Għawdex — **Archivum Episcopale Gaudisiense - Guide.** Kienet milqugħa b'tifħir.

Din il-Gwida, magħmula fuq xewqa ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, damet tinkiteb qrib sena. Tispjega b'mod ċar kif għandu jkun ordnat l-**Arkivju tal-Parroċċa** skond Titularju li nħadem apposta għall-Parroċċi ta' dawn il-Gżejjer.

GOZO PRESS • JINBIEGĦ £M1

GWIDA

GHALL-

ARKIVJU PARROKKJALI

MZU,N
P.B.150
B

JOSEPH BEZZINA

# GWIDA GHALL- ARKIVJU PARROKKJALI

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY
Class Mark MZU.N P.B.150B
No. of Volumes ONE
Remarks
*124278*
Melitensia
Reference
REFERENCE ONLY
…TERED IN …BASE

# GWIDA GHALL-ARKIVJU PARROKKJALI

**Ta' l-istess awtur**

* **IS-SINODI DJOCESANI F'DAWN IL-GZEJJER**
* **IL-KUNGRESS EWKARISTIKU TA' GHAWDEX - 1929**

JOSEPH BEZZINA

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# GWIDA GHALL-ARKIVJU PARROKKJALI

COPYRIGHT - J. BEZZINA - 1980

Mimeographed
KURJA TA' L-ISQOF
Victoria - Gozo
1980

# PREZENTAZZJONI

mill-E.T. Mons.

**NIKOL G. CAUCHI**

Isqof ta' Ghawdex

Il-Ligi Ekklezjastika timponi d-dmir lill-Kappillani li jiehdu hsieb l-Arkivju tal-Parrocca taghhom (Codex Iuris Canonici, Can. 470, 4). Dan l-obbligu kien kemm-il darba msemmi f'direttivi moghtija lill-Kappillani mill-Awtorita' tal-Knisja lokali.

Mhux bizzejjed, pero', li jkun hemm l-Arkivju Parrokkjali u li ma jithalla jintilef xejn mid-dokumenti li ghandhom ikunu konservati fih. Mehtieg ukoll li l-materjal ta' l-Arkivju jinzamm bl-ordni, hekk li wiehed facilment ikun jista' jsib dak li jixtieq meta ghandu bzonn. Arkivju mqalleb hu inutli, anke jekk jinsabu fih dokumenti mill-iktar prezzjuzi, ghaliex ma jkunx possibli li tfittex u ssib bla telf ta' zmien l-informazzjoni li tkun tehtieg.

Il-metodu li qed jipproponi Dun Joe Bezzina f'dan il-ktieb GWIDA GHALL-ARKIVJU PARROKKJALI,

metodu użat b'success għal xi snin fi djocesijiet oħra, hu siewi u prattiku ħafna sabiex l-Arkivju tal-Parroċċi tagħna jinżamm bl-ordni li jixraqlu.

Għalhekk nirrikkmandaw lill-Kappillani, lir-Retturi tal-Knejjes u lil dawk kollha li huma nkargati mill-Arkivji Ekkleżjastiċi, sabiex isegwu l-metodu spjegat f'dan il-ktieb u jwettquh mill-iktar fis possibbli.

+ NIKOL G. CAUCHI
Isqof ta' Għawdex

21 ta' Ottubru, 1979.

# DAHLA

L-Arkivju hi l-ġabra ta' dokumentazzjoni redatta jew riċevuta minn istituzzjoni u li għandha x'taqsam ma l-attivita' tagħha. Dokumentazzjoni ta' istituzzjoni għandha minn natura tagħha tkun miżmuma fl-istess istituzzjoni b'xhieda ta' l-eżistenza u l-ħajja tagħha.

Dokumentazzjoni, mil-Latin 'docet', tfisser dak kollu li jgħallem, dak kollu li jixhed għall-istituzzjoni; hekk huma ittri, manuskritti, stampati, telegrammi, films, diski, tapes, ritratti u ħwejjeġ oħra.

Redatta u riċevuta tirreferi għal dak kollu li l-uffiċjali tal-parroċċa bħala tali, u mhux bħala persuni privati, jiktbu, jiddiċiedu, jibdew, jorganizzaw, ineħħu, ibiddlu, jitrattaw jew jirċievu kemm f'relazzjoni mal-parroċċa, kif ukoll f'relazzjoni ma persuni li jiffurmaw il-parroċċa.

L-istituzzjoni fil-każ tagħna hi l-parroċċa. Kull attivita' li sseħħ fi ħdanha għandha tkun riflessa fl-Arkivju Parrokkjali.

Id-dokumentazzjoni ta' istituzzjoni ghandha tkun mizmuma fl-Arkivju daqs li kieku haga qaddisa. Il-Papa Pawlu VI, f'diskors nhar is-6 ta' Novembru, 1964, stqarr li " Anke dokument ta' ftit importanza, mizmum b'dan l-ispirtu, jsir xhieda tal-prezenza tal-Knisja fid-dinja, tifkira tal-missjoni taghha u sinjal tal-gisem mistiku fil-mixja tieghu matul l-istorja".

Billi arkivju jrid ikun xhieda ta' l-ezistenza u l-hajja ta' istituzzjoni, jidher b'mod car li kull attivita' ghandha thalli xhieda dokumentata fl-arkivju, ghax inkella l-mixja taz-zmientnessi l-grajjiet kollha.

Minn dan li ghidna jidher car li Arkivju ghandu jitwieled hekk kif titwieled Istituzzjoni, anzi Arkivju jigi qabel l-Istituzzjoni, ghax l-ewwel dokumentazzjoni jkollha x'taqsam proprju mat-Twaqqif ta' l-Istituzzjoni.

L-iskopp ta' l-Arkivju hu doppju:

- funzjonali, igifieri, ghandu l-ewwelnett ikun ta' siwi ghall-istess istituzzjoni li maghha twieled u qed jikber, halli wiehed



ikun jista facilment u bla telf ta' zmien jirreferi ghall-karti passati.
- storiku, halli fil-futur tkun tista' issir riferenza ghad-dokumentazzjoni migbura.

Tohrog wehidha l-htiega li Arkivju ghandu jinzamm sewwa, mhux biss materjalment, izda wkoll fl-ordinament tieghu.

Ghaldaqstant hu mehtieg TITULARJU.

## T I T U L A R J U

It-Titularju jikkonsisti f'lista ta' titli li ghandha tigbor fiha d-dokumenti kollha ta' l-Arkivju. Ghaldaqstant it-Titularju ghandu jirrifletti sewwa n-natura ta' l-Istituzzjoni u l-attivita' taghha.

Fi tfassil ta' Titularju, wiehed la jista jkun arbitrarju u lanqas konvenzjonali. Qabel jinhadem Titularju tassew funzjonali, wiehed ghandu jistudja tajjeb l-istituzzjoni fiha nnifisha, fil-persuni li ghandhom x'jaqsmu maghha u fl-attivita' kollha taghha.

Qabel ikkonkludejna dat-Titularju, ahna ppruvajna naghmlu sewwa dan kollu ghal sena shiha. Barra dan studjajna tajjeb diversi Titularji ohra, b'mod specjali dak li jmexxu mieghu l-parrocci kollha ta' Fran za, u li ahna stess rajnieh inhaddem f'diversi parrocci. Innutajna wkoll il-parir ta' diversi kappillani wara li ahna konna baghtnilhom Titularju provizorju f'Novembru 1978.

It-TITULARJU ta' Arkivju Parrokkjali li



qeghdin nipprezentawlkom hu mqassam f' 10 SEZZJONIJIET u 50 TITLU.

- Minhabba n-numerazzjoni progressiva, fuq id-dokumentazzjoni m'hemmx bzonn tidher is-Sezzjoni, bizzejjed in-numru tat-Titlu.

- L-isem tat-Titlu m'ghandux jinkiteb minhabba l-istess raguni. Izda meta fl-istess Titlu hemm diversi files, jidher is-subtitlu. Wara n-numru jitnizzel stroke (/) u s-subtitlu.

  Hekk TITLU 1: 1/Atti Kostruzzjoni
  1/Pjanti
  1/Dawl Elettriku

  u l-kumplament skond kif ikun mehtieg.

  Xi subtitlu jista jkun isem ta' Persuna:
  7/Anton ABDILLA

  Ma ohrajn sewwa li tizdied id-data:
  4/Michael BUTTIEGIEG (1865)
  6/Beni Immobbli (31 DEC 1970)

  Ohrajn bizzejjed data biss:
  12/1554-1603

- Ippruvajna naghtu ismijiet kemm jista jkun awtospjegativi lil 50 TITLU. Minhabba l-elasticita' taghhom jistghu facilment

jinkludu kwalunkwe karta li ghandha x' taqsam mal-parrocca. Subtitli ktibna mill-inqas possibli, ghaldaqstant jekk tkun bejn haltejn fejn ghandek tpoggi xi karti, sewwa li tikkonsulta dan il-ktieb li jaghti spjega qasira tat-Titularju.

# BIBLJOGRAFIJA


ASSOCIATION DES ARCHIVISTES DE L'ÉGLISE DE FRANCE, Cadre-Type de classement pour les Archives Paroissiales, Paris 1975.

BARTOLONI Franco, Gli Archivi Ecclesiastici, Roma 1952.

BEZZINA Joseph, Archivum Episcopale Gaudisiense — Guide, Dissertazione per la Scuola d' Archivista, Citta' del Vaticano 1976.

Enchiridion Archivorum Ecclesiasticorum, ed. S. Duca - S. Tomás-Fernándes, Citta' del Vaticano 1966.

PASZTOR Lajos, Archivistica: Problemi e Richerche, Roma 1970.

SACCO Carlo, Ordinamento e collocazione del materiale archivistico, Roma 1969.

SQUADRONI A., Guida per l'ordinamento dell' Archivio Parrocchiale, Jesi 1972.

TOMÁS-FERNÁNDES Simeone, Brevi appunti di Archivistica Generale, Roma 1973.

# ARKIVJU PARROKKJALI

## G W I D A

1 ATTI KOSTRUZZJONI. PJANTI. KWESTJONIJIET.

Dat-titlu jigbor fih f'files differenti dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-binja tal-Knisja. Hekk per ezempju 1/Pjanti tal-Bini
1/Manutenzjoni
1/Pjanti tas-Sistema Eletrika

2 INVENTARJU BENI IMMOBBLI. MOBBLI.

L-inventarju ta' beni immobbli jikkonsisti f'lista ta' djar u proprjeta' ohra immobbli li jappartjienu ghall-Knisja.

Ara wkoll TITLU 6 u TITLU 40.

L-inventarju Beni Immobbli jista jsir fuq l-ezempju moghti f'TITLU 28.

L-inventarju Beni Mobbli jikkonsisti f' lista ta' oggetti li jappartjienu ghall-Knisja u mhumiex la Suppellettili Sagri u anqas Oggetti ta' Arti.

Dan li gej hu Indici Indikativ li jista jonqos jew jizdied skond il-htiega partikulari ta' kull Knisja. Wara l-isem ta' oggett jinghad kemm jinsabu minnu.



2/Inventarju Beni Mobbli

Amplifier
Arlogg
Armarju
Armonju ta' l-elettriku

Banju
Bankijiet ghall-Baldakkin
ta' bilqeghda
ghat-torci
Banketti
Bankun
Bord ta' l-avvizzi
Bradella
Brazzi ta' l-elettriku
tax-xemgha

Damask
Duplicator

Fans ta' l-elettriku
Forrini

Gastra

Ġarra
Ginokkjatur

Imhadda
Imqas

Kenur tal-gebel
Kikkra
Konfessjonarju
Ktieb
Kustodja tal-hwejjeg

Lasta tal-bandiera
tal-bradella
Linfa

Mejda tal-abjad
tal-kewba
Microfon
Molla tax-xemgha

Pavaljun
Pedestal ta' l-istatwa

Platin
Pulptu
Purtiera

Q anpiena
Qasrija

Safe
Saloti
Sellum
Servetta
Shade tal-Brazzi
Siggu tal-abjad
tal-gild
tal-hadid
tal-injam
tal-kewba
tas-seda
tat-tron
Skalapiza
Skrivanija
Sopraporta

Spalliera tar-rigel
Strippi
Sufan

Tapiti ta' l-art
tal-mejda
Tarag ta' l-injam
Tazza
Teapot
Twavel
Typewriter

Vacuum cleaner
Vazett
Vazun
Virga tat-tarag

Xkaffa
Xkupilja
Xugaman

---

3 INVENTARJU SUPPELLETTILI SAGRI. OGGETTI ARTI.

L-ewwel inventarju jikkonsisti f'lista ta' l-oggetti tal-Knisja li jintuzaw ghac-cerimonji liturgici. Dan li gej hu Indici Indikativ.



3/Inventarju Suppellettili Sagri

Akkolti tal-bronz
tal-fidda
tal-fidda zghar
tal-hadid
tal-injam
tal-metal
tar-ram
(Dan ighodd ukoll ghall-hwejjeg ta' dix-xorta)
Alba
Altar mejda
Ambone tal-gewz
Amittu
Arzella tal-maghmudija
Asperges

Bacil
Baklu
Baldakkin
Bambunjiera
Bandiera
Bugija
Buqar

Censier

Faldistorju
Faldrappa
Fanal tal-Purcissjoni
Fardall ta' l-Isqof
Fjurett

Gandlier tal-blandun
tat-turbru
Gwarnic tat-tron
tat-tuzell
tal-ventartal

Girandola
Gonta tal-mejtin

Impuluzzi

Kalci
Kandelabru
Kanapew
Kappa tal-bellus
tad-damask
tad-deheb
tal-harir

tal-imbrukkat
tal-lama
tan-newl Malti
tas-satin
(Dan ighodd ukoll
ghall-hwejjeg ta'
dix-xorta)

Kapsula
Karti tal-Glorja
Konfratrija
Koprirelikwa
Koprisfera
Korporal
Kotba tal-Kanoni
ta' l-Ordinazzjoni
Kuccarina tal-imbit
tan-navetta
Kurcifiss ta' l-artal
kbir
Kurduni tal-konfratrija
Kustodja ta' l-ostji

Lampier
Legiju forci
kbir
zghir
Libsa tal-faldistorju
Loppja tal-lampier

Maniplu
Manutergi
Mazza
Mazzier - libsa
Missal tal-fidda
Latin
Malti
Missalin
Mitra

Navetta

Ostensorju

Palla
Passagg
Patena
Pissidi
Pjaneta (Jitqassmu skond
- Kulur
- Materjal
- Forma
Plattin ghall-impuluzzi
ghat-tqarbin
Pontifikal
Porter 'ni taz-zejt



Purifikatur
Purtiera tat-tabern.

Raggiera

Salib ta'l-artal
tal-kleru
pettorali
Sasla
Sjuh
Sopralegiju
Soprapissidi
Spelizza
Stanjata taz-zejt
Stellarju
Stola
Strata ta' l-artal
Surgentina
Suttana

Tabernaklu
Tarcisjana
Tazzi tal-Purifikazzjoni
Terha ta' l-artal
tal-gradonzini

tal-legija
Trajanglu tat-tniebri
Tron
Tunicella
Tuzell
Tvalja ta'l-artal
tal-maghmudija

Umbrella ta' l-isqof
tas-sagrament
tal-vjatku

Velmural
Via Sagra
Vintartal
Virga tal-kantur

Xabla tal-mazzier
Xemgha ta'l-artal
tal-blandun
tal-maghmudija
tal-molla
Xeni tas-Sepulkru

L-oggetti ta' l-arti huma dawk l-oggetti proprjeta' tal-Knisja li ghandhom valur artistiku jew storiku, avolja jekk kultant huma wzati bhala suppellettili sagri.

Ninnutaw li jekk knisja ghandha muzew maghha, ghandu jsir inventarju separat, li pero', mhux oggett ta' dan it-Titularju.

Dan li gej hu Indici Indikativ.

3/Oggetti ta' l-Arti

| | |
|---|---|
| Angli | Labar tad-deheb |
| Arlogg tad-deheb | Liri tad-deheb |
| Brazuletta | Medalji tal-bronz<br>tal-fidda<br>tad-deheb<br>kommemorativi |
| Cinga tad-deheb<br>Cinturin tad-deheb<br>Curkett | Msielet |
| Ex-voto | Polka |
| Girakola | Relikwarju tad-deheb<br>tal-fidda |
| Katina Veskovili<br>Kuruna tal-fidda<br>tar-Ruzarju | Ruzetta<br>Trittiku |

Fl-istess TITLU ghandhom jinzammu separatament lista ta' l-istatwi flimkien ma xi oggetti li jappartjienu lill-istatwi, kif ukoll lista tal-pittura.



3/Statwi L-istatwi jistghu jitnizzlu jew fl-ordni alfabetiku jew f'ordni kronologiku, tibda mill-eqdem statwa.

3/Pittura Dan ighodd ukoll ghall-pittura, fejn l-ahjar ordni hu dak alfabetiku skond il-pittur. Naghtu ezempju ta' kif ghandu jitnizzel kwadru.

BUSUTTIL Michele, <u>L-Assunzjoni ta' Marija fis-sema</u>, 1791. 388x240cm.

Jekk tintuza l-ordni kronologika, d-data tigi l-ewwel.

F'xi parrocci jsiru manifestazzjonijiet pubblici b'diversi oggetti li jintuzaw biss f'dawn l-okkazzjonijiet; bhalma huma Purcissjoni tal-Milied, tad-Duluri jew tal-Gimgha l-Kbira.

Ghal dawn isir inventarju separat. Dan li gej hu Indici Indikativ.

3/Inventarju Purcissjoni Gimgha Kbira

| | |
|---|---|
| Alabarda ta'l-ajkla<br>ta' l-istendard | Biretta tal-Kavallieri<br>Bradella tal-parana |
| Angli, ilbies bojod<br>rosa | Brazuletta tal-metal<br>tas-saqajn<br>Bokkla taz-zraben |
| Bandalora kbira<br>zghira<br>Bankun tal-parana | Dijadema tal-fidda<br>tal-metal |

Elmu tal-Lhud
 tas-suldati

Fanal
Faxxi tal-angli
 tal-Lhud
 ghall-qadd
 ghar-ras
Forcina
Frosta

Globi

Gaketta kawallieri
 manigoldi
 muniti

Hadid tal-bradelli

Ingwanti tal-kavallieri

Katina tal-metall
Kurazzi tal-fibreglass
 tal-gild
 tal-metal ahjad

Lasti tal-bandalori
 tal-vari
Lanza
Lizar

Maktur tal-Lhud
Manki celesti
Mantelli tal-Kavallieri
Mantelli tal-Lhud
 tas-Suldati

Parrokka
Pellegrina
Porpra

Qasba tal-fidda
Qliezet tal-manigoldi
 tal-muniti

Salib kbir
 tar-Redentur
 zghar tat-tfal
Sandlijiet Lhud
 Suldati
Sejf
Spellizzi
Stands tal-bandalori
 tat-tazzi
Stellarju tal-fidda
 tal-metal
Standard tal-kavalieri
Suldati Rumani, ilbies

Tabelli ta'l-idejn
Tazzi tax-xemgha
Tarhi tas-suldati
Tights tal-kawallieri
Tonok tal-Lhud

Zimmarri bojod
 celesti
 homor

---

Fl-istess file jinzamm inventarju tal-PERSUNAGGI bil-hwejjeg taghhom u ta' l-



4 VIZTI PASTORALI. KWESTJONIJIET RELATIVI.

Kelmiet dat-titlu jispjegaw x' ghandu jitqieghed fih: relazzjoni tal-Vizta Pastorali maghmula mill-isqof u karti ohra konessi maghha. Wara n-numru tat-TITLU jitnizzel isem l-isqof u s-sena tal-Vizta.

4/Michael BUTTIEGIEG (1865)

5 ATTI EREZZJONI. KONFINI. KWESTJONIJIET.

Taht dat-titlu jidhol kull ma ghandu x' jaqsam mal-parrocca guridikament. Fil-file tal-konfini jidhlu wkoll il-pjanti ta' meta parrocca tikber jew tonqos, bhal meta tinqata' minnha parrocca ohra. Kwestjonijiet parrokkjali jidhlu f'file ghalihom taht dan it-titlu wkoll.

6 INVENTARJU BENI IMMOBBLI. MOBBLI.

Il-Parrocca bhala Istituzzjoni jista jkollha xi beni immobbli bhala tali. Hekk per ezempju hi l-Kanonika jew dar-il kappillan, l-Ufficcju Parrokkjali, xi Dar tal-Parrocca ghax-Xjuh, xi Stamperija u beni immobbli simili. L-ahjar sistemazzjoni ta' dat-titlu ssir hekk:

6/Ufficcju Parrokkjali

L-ewwel issir deskrizzjoni tal-post, imbaghad tal-beni mobbli konessi mieghu. Bhala Indici Indikativ ara TITLU 2/Inventarju Beni Mobbli. Ghal Centru Parrokkjali ara TITLU 40.

7 KAPPILLANI. BIOGRAFIJA. RITRATTI. BOLLI.

Ghandha ssir file ghal kull kappillan jew kappillan kugitur, b'dal-mod:

7/Anton ABDILLA (1901-1925)

F'kull file jitqieghed, jekk inhu possibli, ritratt tal-kappillan, il-Bolla tan-nomina jew kopja taghha u bijografija qasira li ghandha tinkludi:

Data tat-twelid
ta' meta sar qassis
ta' meta ntghazel kappillan
ta' meta spicca minn kappillan
ta' meta miet

u naturalment kull taghrif iehor li wiehed jista jkollu dwar il-kappillan.

8 SACERDOTI. BIJOGRAFIJA. RITRATTI.

Il-files f'dat-Titlu jinzammu fuq il-mudell moghti f'TITLU 7.

## ARKIVJU PARROKKJALI
# TITULARJU

I **KNISJA**

1 Atti kostruzzjoni. Pjanti. Kwestjonijiet.
2 Inventarju beni immobbli. Mobbli.
3 Inventarju suppellettili sagri. Oġġetti Arti.
4 Viżti Pastorali. Kwestjonijiet relativi.

II **PARROĊĊA**

5 Atti erezzjoni. Konfini Kwestjonijiet.
6 Inventarju beni immobbli. Mobbli.

III **PERSONAL**

7 Kappillani. Bijografija. Ritratti. Bolli.
8 Saċerdoti. Bijografija. Ritratti.
9 Abbatini. Sagristani. Letturi. Fratellanzi.
10 Korijiet. Organisti.
11 Vokazzjonijiet li ħarġu mill-Parroċċa.

IV **PASTORALI**

12 Reġistri Magħmudijiet.
13 Reġistri L-Ewwel Tqarbina.
14 Reġistri Griżma.
15 Reġistri Żwieġ.
16 Reġistri Imwiet.
17 Reġistri Status Animarum. Statistiċi oħra.
18 Rapporti Pastorali.
19 Rapporti Omelitiċi.
20 Karti tal-Mużika.

V **KULT**

21 Lista Fundazzjonijiet.
22 Lista Fiduċjarji.
23 Lista Għotjiet. Karti konnessi.
24 Reġistri tal-Quddies.

VI **AMMINISTRAZZJONI**

25 Prebenda Parrokkjali — Reġistri qodma.
26 Amministrazzjoni ġenerali. Legati — Reġistri qodma.
27 Ledger Prebenda Parrokkjali. Files relativi.
28 Ledger Legati.
29 Files Legati (ordni alfabetiku).
30 Ledger ġenerali.
31 Files relattivi. 31/1 Ġbir għall-Knisja. 31/2 Festa Titulari. } eċċ.
32 Income Tax Returns (kopja).

VII **DOKUMENTAZZJONI**

33 C.J.C. Konċilju Reġjunali. Sinodu Djoċesan.
34 Ittri Pastorali. Ċirkularijiet ta' l-Isqof.
35 Atti Kurja. Senat tal-Kleru. Kunsill Pastorali.
36 Bullettin Arċi-djoċesan.
37 Minuti Presbiterium. Kunsill Parrokkjali.
38 Korrispondenza ta' natura reliġjuża ġenerali.
39 Korrispondenza Ċivili.

VIII **ĊENTRU PARROKKJALI**

40 Atti kostruzzjoni. Pjanti. Inventarji.
41 Amministrazzjoni.
42 Relazzjonijiet Għaqdiet Lajċi (ordni alfabetiku).
42/ Azzjoni Kattolika. 42/ Legion of Mary. } eċċ.

IX **STORJA**

43 Kronaka Parrokkjali. Albums avvenimenti speċjali.
44 Bullettin Parrokkjali.
45 Pubblikazzjonijiet Parrokkjali.
46 Monografiji relativi mal-Parroċċa.
47 Tapes. Films ta' avvenimenti parrokkjali.
48 **Miscellanea** (speċjalment karti privati).
49 **Inventarju tal-Arkivju.**

X 50 **ARKIVJU SIGRIET**

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

COPYRIGHT — J. BEZZINA — 1980

Tinzamm file ghal kull sacerdot li hadem jew qed jahdem fil-parrocca. Ghall-ohrajn ara TITLU 11.

9 ABBATTINI. SAGRISTANI. LETTURI. FRATELLANZI.

Isiru files daqs kemm hemm kategoriji ta' persuni differenti li ghandhom x'jaqsmu mal-parrocca. Anke dat-titlu jista jsir fuq il-mudell moghti f'TITLU 7. Il-files jistghu jinghalqu mat-tmiem ta' kull sena u jekk ma tinhassx il-htiega meta jsir voluminuz.

Ir-registri tal-membri tal-fratellanzi ghandhom ukoll jinzammu f'dan it-titlu. L-ahjar ordni ghal dawn ir-registri hi kronologika, tibda mill-ewwel tal-eqdem fratellanza. Ir-registri ta' l-amministrazzjoni, meta separati, jinzammu f'TITLU 26. L-amministrazzjoni attwali tal-fratellanzi tidhol fil-Ledger Generali TITLU 30, imbaghad kull fratellanza jkollha file ghaliha f'TITLU 31/13.

10 KORIJIET. ORGANISTI.

F'files separati jinzammu f'dat-titlu lista

lista tal-membri tal-Korijiet kif ukoll ta' l-organisti flimkien ma karti relativi. Anki l-Istatuti tal-Korijiet, minuti tal-laqghat u rassenji ta' attendenza jinzammu f'files separati f'dan it-Titlu.

11 VOKAZZJONIJIET LI HARGU MILL-PARROCCA

F'tlett files separati, il-parrocca ghandha zzomm rekord tal-vokazzjonijiet li hargu minnha u nformazzjoni ohra simili ghal dik f'TITLU 7. It-tlett files ikunu ntitolati: 11/Sacerdoti
11/Religjuzi Maskili
11/Religjuzi Feminili

12 REGISTRI MAGHMUDIJIET

Dawn ir-registri ghandhom jigu numerati kronologikament. Id-data ta' meta jibda u jispicca registru sew li tkun tidher ukoll. Hekk 12/1(1554-1603)

Dan ighodd ukoll ghal TITLI 13. 14. 15. 16 u 17. Karti konessi mal-oghti tas-sagramenti jinzammu f'files ghalihom f'kull TITLU.



13 REGISTRI L-EWWEL TQARBINA.

Ara TITLU 12.

14 REGISTRI GRIZMA TA' L-ISQOF.

Ara TITLU 12.

15 REGISTRI ZWIEG.

Ara TITLU 12.

16 REGISTRI IMWIET.

Ara TITLU 12.

17 REGISTRI STATUS ANIMARUM. STATISTICI OHRA.

Ara TITLU 12.

18 RAPPORTI PASTORALI.

F'dat-titlu, f'files separati, jinzamm dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-hidma pastorali fil-parrocca. Naghtu ftit ezempji.

18/Emigranti
18/Gimgha Liturgika Ewkaristika
18/Gimgha tal-Parrocca
18/Katekizmu
18/Kazijiet Morali

19 RAPPORTI OMELITICI.

F'dat-titlu tinzamm nota ta' l-omeliji maghmula f'diversi okkazzjonijiet. Hekk:

19/Ezercizzi
19/Kwindicina
19/Missjoni Djocesana
19/Missjoni Parrokkjali

20 KARTI TAL-MUZIKA.

Matul iz-zmien, diversi knejjes ordnaw ghalihom kompozizzjoni ta' muzika ghal xi okkazzjoni partikolari. F'dat-titlu jinzammu, f'files diversi, dawn il-karti. Ezempju:

20/Antifona ta' Santa Marija
20/Innu tal-Festa Titulari

21 LISTA FUNDAZZJONIJIET.

F'file bi 365 folju, ghal kull jum tas-sena, tinzamm lista tal-fundazzjonijiet li ghandhom ikunu mitmuma f'kull gurnata.

Iktar taghrif dwar il-fundazzjonijiet jinzamm f'TITLU 29.



22 LISTA FIDUCJARJI.

Ghal kull ghotja ta' flus maghmula minn persuni ghal skoppijiet ta' kult ha jintuzaw wara mewthom, jinkiteb fuq folju separat:

- l-isem u l-indirizz tal-persuna
- l-oghtja
- l-iskopp taghha

Il-karti jinzammu fil-file f'ordni alfabetiku u mhux kronologiku.

23 LISTA GHOTJIET. KARTI KONESSI.

F'dal-file tinzamm lista ta' l-oghtjiet li jsiru lill-knisja u li m'humiex flus. Ghal kull oghtja jitnizzel:

- l-isem u l-indirizz tad-donatur
- l-oggett moghti
- osservazzjonijiet, ohra
- jekk ikun possibli ghandu wkoll jinzamm ritratt tal-Oggett moghti, specjalment jekk ikollu certu valur

L-ahjar ordni f'din il-file hi dik kronologika.

24 REGISTRI TAL-QUDDIES.

Il-Knejjes ghandhom izommu lista tal-quddies li qed isir, flimkien ma l-isem tal-qassis li qaddisha.

Jinzamm registru separat tal-binazzjonijiet.

Ir-registri ghandhom jigu numerati bhal f'TITLU 12.

25 PREBENDA PARROKKJALI - REGISTRI QODMA.

F'dat-titlu jinzammu r-registri qodma tal-amministrazzjoni tal-prebenda parrokkjali.

26 AMMINISTRAZZJONI GENERALI. LEGATI. - REGISTRI QODMA.

F'dat-titlu jinzammu r-registri kollha li kellhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni qabel ir-riforma li saret f'dawn l-ahhar snin.

Peress li aktarx li kien hemm diversi amministrazzjonijiet, il-kotba jinzammu grupp grupp skond l-ordni kronologika taghhom.

Hekk per ezempju:
26/A Altar ta' l-Erwieh (1688-1704)



Tinghata ittra ta' l-alfabet lil kull grupp u mhux lil kull registru.

27 LEDGER PREBENDA PARROKKJALI. FILES RELATIVI.

Dat-titlu hu awtospjegativ. Nghidu biss li jekk l-amministrazzjoni tal-prebenda hi maghquda ma dik tal-Parrocca, dat-titlu ghandu jithalla vojt.

28 LEDGER LEGATI.

F'dat-titlu f'Ledger apposta tinzamm l-informazzjoni necessarja fuq kull legat f'ordni alfabetiku. Dat-taghrif jikkonsisti f'
- KUNJOM u isem il-Fundatur
- Atti Notarili + Data
- Deskrizzjoni skond il-kaz (Cens - Piz - Qbiela)
- Dhul fis-sena
- Obbligu
- Min ihallas
- Osservazzjonijiet ohra

29 FILES LEGATI.

F'konessjoni ma TITLU 28 tinzamm file ghal

jinkludu kopja tal-kuntratt jew testment u karti oħra konessi. Minn barra jkunu numerati hekk:

29/BORG Gorg

30 LEDGER GENERALI.

Il-Ledger Generali hu l-ktieb li jigbor ir-rekords proprji tal-Amministrazzjoni li ssir mill-Ufficcju Parrokkjali.

31 FILES RELATIVI.

Il-files relativi ghal TITLU 30 huma dawn li gejjin. Il-lista hi meħuda mill-ADDENDA ghal pagna 28 tal-ktieb maħrug mill-UFFICCJU AMMINISTRATTIV TAL-KURJA, Ufficcju Parrokkjali Amministrativ, Ghawdex 1974.

31/1 OBIR GHALL-KNISJA.
31/2 FESTA TITULARI.
31/3 MANUTENZJONI.
31/4 XEMGHA. INBID. OSTJI. FAHAM. INCENS.
31/5 DAWL. ILMA. TELEFON.
31/6 OPRI GODDA.
31/7 DRITTIJIET U OBBLIGI TAL-KNISJA.



31/8 FESTI SEKONDARJI U DEVOZZJONIJIET.
31/9 RIMUNERAZZJONI.
31/10 SERVIZZI LITURGICI.
31/11 FONDO CLERO PARROKKJALI.
31/12 UFFICCJU PARROKKJALI.
31/13 FRATELLANZI.
31/14 KAPITALI.
31/15 IMGHAX.
31/16 PROKURA TA' L-ERWIEH.
31/17 CIMITERJU.
31/18 OPRI SOCJALI.

M'hemmx ghalfejn nghidu — f'TITLI 27. 28. 29. 30. 31 jitqeghdu fl-Arkivju mhux il-Ledgers jew il-files kurrenti, izda dawk magħluqa li l-uzu taghhom sar biss wieħed ta' riferenza.

32 INCOME TAX RETURNS.

F'dat-Titlu tinzamm kopja ta' l-Income Tax Return li ssir ta' kull sena.

33 C.J.C. KONCILJU REGJUNALI. SINODU DJOCESAN.

Id-Dokumentazzjoni kollha li ghandha x'taqsam mal-legislazzjoni parrokkjali tinzamm f'dan it-

34 ITTRI PASTORALI. CIRKULARIJIET TA' L-ISQOF.

Il-Pastorali u c-Cirkularijiet jinzammu f' ordni kronologiku. Meta huma stampati wkoll fi ktieb jew saru kummenti fuqhom, ikun sewwa li f'dat-Titlu tinzamm ukoll kopja ta' dawn.

35 ATTI KURJA. SENAT TAL-KLERU. KUNSILL PASTORALI.

Fi tlett files differenti jinzammu r-relazzjonijiet ta' dawn it-tlett organizzazzjonijiet djocesani.

36 BULLETTIN ARCI-DJOCESAN.

Dan l-ahjar jinzamm f'volumi ta' sena sena li jkunu numerati hekk:
1/1 (1969-70)

37 MINUTI PRESBITERIUM. KUNSILL PARROKKJALI.

F'zewg files differenti jinzammu l-minuti ta' dawn iz-zewg Kunsilli.

38 KORRISPONDENZA TA' NATURA RELIGJUZA GENERALI.

Meta l-parrocca hi zghira, bizzejjed jinzamm



file wiehed ghal korrispondenza kollha.
Meta l-parrocca hi kbira u allura l-korrispondenza hi kbira wkoll jistghu jinzammu files diversi. L-istess meta xi kwestjoni jew haga ohra aktarx tiehu fit-tul, jista jinzamm file ghaliha biss. Hekk per ezempju:

38/Korrispondenza ma l-Isqof
38/Korrispondenza ma privati
38/Festi Centinarji
38/Tkabbir tal-Knisja

Fit-titlu uzajna l-kelma generali 'l-ghaliex korrispondenza partikulari tidhol taht it-titlu relativ ghaliha. Hekk korrispondenza dwar il-Vokazzjonijiet tidhol f'TITLU 11, dwar xi legat f'TITLU 29 u l-kumplament.

Il-korrispondenza kollha, igiefieri kemm dik li originat fl-ufficcju parrokkjali, kif ukoll dik ricevuta, tinghata numru progressiv hekk kif titqieghed fil-file. Dan in-numru ghandu jinkiteb fuq l-ittra li tibghat inti (OUR REFERENCE) u suppost minn jirrispondik jirripetilek dan in-numru (YOUR REFERENCE) taht ir-riferenza tieghu. Jekk in-numru tieghek ma kienx ripetut fuq ittra li rcivejt b'risposta

ghal tieghek, iktbu int. Nirrepetu li n-numru progressiv jitkompla fuq dawn l-ittri li tirciewi hekk kif jitqeghdu fil-file.

Dan in-numru — insejjah numru tal-protokoll — jaghmel it-tiftix ta' l-ittri facli hafna. In-numru jibda bis-sena u wara stroke (/) jitnizzel in-numru progressiv. Per ezempju 79/1 .

39 KORRISPONDENZA CIVILI. CIRKULARIJIET.

Kull ma ghidna ghal TITLU 38 ighodd ghal dan. Ic-Cirkularijiet civili jinzammu flimkien ma l-ittri u n-numerazzjoni progressiva tkompli fuqhom ukoll.

40 ATTI KOSTRUZZJONI. PJANTI. INVENTARJI.

Qabel nispjegaw dat-Titlu ninnutaw li qeghdin inqeghdu d-Dokumentazzjoni tac-CENTRU PARROKKJALI fl-Arkivju Parrokkjali — u mhux separata ghaliha wehidha — 'l-ghaliex ic-Centru Parrokkjali jifforma parti ntegrali tal-Parrocca.

Il-files ta dan it-TITLU 40 jinzammu kif



spjegajna ghal TITLU 1. Ghal Indici Indikativ ta' Inventarju ara TITLU 2.

41 AMMINISTRAZZJONI.

F' dan it-titlu jinzamm il-Ledger ta' l-amministrazzjoni tac-Centru Parrokkjali. Files relativi, bhalma huma dawk ta' ordnijiet, ricevuti u hwejjeg ohra jinzammu separatament f'dan it-Titlu wkoll.

42 RELAZZJONI GHAQDIET LAJCI.

F'files relativi f'ordni alfabetiku tinzamm il-korrispondenza, ir-rapporti u kull dokumentazzjoni ohra li ghandha x'taqsam ma' l-ghaqdiet tal-parrocci. Ghandu jkun hemm file anke ghal dawk l-ghaqdiet li ma jaghmlux uzu mic-Centru. Il-files jigu numerati hekk:

42/Azzjoni Kattolika
42/Karizmatici
42/Kommunita' Hajja Nisranija
42/Legion of Mary
42/Socjeta' Duttrina Nisranija (Museum)
42/Sports, Kumitat ta' l-Isports

43 KRONAKA PARROKKJALI. ALBUMS.

Qabel nispjegaw dat-Titlu, nghidu kelma zghira fuq SEZZJONI IX - STORJA, igifieri TITLI 43 - 47. Din is-sezzjoni hi mill-iktar importanti. Minhabba li fl-inghoddi ftit li xejn inghata kaz taghha, hafna knejjes u parrocci tilfu ghal dejjem il-possibilita' li jkollhom storja shiha taghhom.

Nigu issa ghall-ewwel titlu f'din is-Sezzjoni TITLU 43.

Sewwa li tinzamm Kronaka jum b'jum tal-parrocca. Meta diversi avvenimenti fil-parrocca huma anke fotografati, tinzamm kronaka separata ntitolata:

43/Kronaka bir-Ritratti

Meta jkun hemm xi festi specjali, l-ahjar tinzamm kronaka separata msiehba bir-ritratti, nghidu ahna:

43/Centinarju tal-Parrocca - 1979

44 BULLETTIN PARROKKJALI.

Il-bullettin tal-parrocca jinzamm ghalih f' dan it-tilu u jingabar sena sena. Kull volum ikun numerat hekk:

44/1 (1969-70)

45 PUBLIKAZZJONIJIET PARROKKJALI.

Matul is-sena kull parrocca tippublika xi haga bhalma huma programmi, appelli, rivisti, kalendarju, posters, year-book u hwejjeg ta' dix-xorta. Fl-Arkivju ghandhom jinzammu zewg kopji ta' kull haga.

L-affarijiet ghandhom jinzammu f'ordni kronologiku. Izda sew li jinzamm indici alfabetiku ta' l-affarijiet.

46 MONOGRAFIJI RELATIVI MAL - PARROCCA.

F'dat-titlu ghandu l-ewwelnett jinzamm file biex tingabar fih kwalunkwe kitba stampata jew stensiljata dwar il-parrocca. Il-file jista jkun intitolat:

46/Cuttings fuq il-Parrocca

Kotba li b'xi mod jew iehor ghandhom x' jaqsmu mal-parrocca ghandhom ukoll jinzammu f'dan it-titlu.

47 TAPES. FILMS AVVENIMENTI PARROKKJALI.

Tapes u films ta' avvenimenti parrokkjali ghandhom ukoll jinzammu fl-Arkivju. Jigu ntitolati b'dal-mod: wara l-istroke (/), jitnizzel in-numru tat-tape jew film, is-sena u s-suggett.

47/1 (1975) Festi ta' l-Inkoronazzjoni

Ghal ragunijiet prattici fl-Arkivju ghandhom jinzammu biss tape cassette.

48 MISCELLANEA

TITLU 48 - Miscellanea - ghandu jkun uzat mill-inqas possibli. Jitqeghdu fih kitbiet li b'ebda mod ma jidhlu taht Titlu iehor. Minhabba l-fatt li dat-TITULARJU hu komprehensiv hafna, f'dat-Titlu prattikament jidhlu biss l-affarijiet li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-parrocca strettament.

Hekk nghidu, ahna huma ittri jew kitbiet privati ta' xi kappillan, xi registri fl-Arkivju Parrokkjali li jappartjienu lil xi knisja ohra u l-kumplament.



F'dan it-Titlu ghandha tinzamm ordni kronologika stretta. Allura wara l- istroke (/) titnizzel l-ewwel data li hemm fuq id-dokumentazzjoni li ser titpogga f'dat-titlu, imbaghad is-suggett:

48/1950-1952 Ittri Kappillan Abdilla Anton

Hu importanti hafna li gha l dat-titlu jsir indici alfabetiku fuq 'filing cards' (ara TITLU 49), inkella meta jkun hemm hafna materjal tkun haga difficli ssib li trid.

49 INVENTARJU TA' L-ARKIVJU.

L-Inventarju ta' l-Arkivju ghandu jsir kif gej fuq 'international filing cards' tad-daqs 125 x 75mm.

| |
|---|
| 1<br>Pjanti tal-bini<br>1697-1711<br>ff. 160<br>f.7 u f.120 neqsin. f.50 disinn iffirmat.<br>ff.153-160 vojta.<br><br>70 |

Nghaddu issa biex nispjegaw kif tintela' din il-'card'. Ninnutaw qabel li ghandu jkun hemm 'card' ghal kull file, registru, tape, film jew ktieb li hemm fl-Arkivju.

1 - L-ewwel ikun ittapjat in-numru tat-TITLU.
  - Jekk xi titlu ghandu l-files jew registri tieghu numerati, allura n-numerazzjoni tidher ukoll f'dan l-ewwel vers; hekk 12/1 . 31/12 . 47/8



2 - It-tieni jitnizzel l-isem li hemm fuq il-file.
  - Jekk xi files jew registri m'ghandhomx isem partikulari, jitnizzel it-Titlu stess; hekk TITLI 12 - 17 etc.

3 - It-tielet titnizzel id-data ta' meta jibda u jispicca file jew registru.
  - Jekk wiehed ma jkunx jaf id-data ta' l-ewwel dokument, allura jitnizzel punt interrogativ (?).
  - Jekk file jew registru mhux naqhluq, jew hu ta' sena wahda, t-tieni data tithalla barra.
  - Jekk id-dati mhumiex imnizzla fuq il-file jew registru, xorta wahda jidhru dejjem fl-inventarju.
  - Jekk id-dokumentazzjoni tikkonsisti f' publikazzjoni, titnizzel id-data ta' meta kienet stampata.

4 - Ir-raba' titnizzel il-materjalita' tad-dokumentazzjoni.

- Jekk ghandek diversi dokumenti mhux numerati jitnizzlu hekk:
  Doc. 10.
  Izda dan mhux idejali. L-ahjar li jkunu numerati, il-folji u mhux il-pagni, u jitnizzel in-numru taghhom.
- Jekk ghandek folji (u l-manuskritti dejjem ghandu jkollhom il-folji numerati, u mhux il-pagni) jitnizzlu hekk:
  ff. 160.
- Jekk ghandek pagni jitnizzlu hekk:
  pp. 520.
- Jekk ghandek tape-casette, jitnizzel skond it-tul tieghu f'minuti, hekk:
  C 60.
- Jekk ghandek film, jitnizzel skond it-tul tieghu f'metri, hekk:
  F 200.

5 - Il-hames titnizzel deskrizzjoni. Meta fuq il-'card' ma tidholx f'vers wiehed, it-tieni vers jibda zewg linji 'l-gewwa, kif jidher fil-fac-simile. Naghtu xi ezempji:
- ff. 6-10 kemmxejn imqatta'
- registru llegat bil-gild u d-deheb



- registru f'kundizzjoni hazina
- file ta' karti xolti
- ff. 20. 53. 86 miniaturi u disinni

6 - Is-sitta, isfel nett fil-'card', jitnizzel in-numru progressiv li dik il-card ghandha fir-REGISTRU INVENTARJU.

Mill-ahhar kelma li ghidna, jidher car, li meta tinkiteb 'card' ghandha tkun ikkuppjata precis f'registru inventarju. Ghaldaqstant, meta 'card' tintilef jew titqatta', ikollok kopja taghha. Dar-registru jkun imqassam f' sitt kolonni mifruxa fuq zewg pagni wahda faccata ta' l-ohra.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 70 | 1 | Pjanti tal-bini | 1697-1711 | ff.160 | f.7 ... |
| | | | | | |

1 - Fl-ewwel kolonna jitnizzel in-numru progressiv, li fuq il-'card' ikun ikkupjat isfel nett.

2 - Fit-tieni jitnizzel in-numru tat-TITLU.

3 - Fit-tielet jitnizzel l-isem li hemm fuq il-file.

4 - Fir-raba' titnizzel id-data ta' meta jibda u jispicca file jew registru.

5 - Fil-hames titnizzel il-materjalita' tad-dokumentazzjoni.

6 - Fis-sitt kolonna, li ghandu jkollha l-pagna tal-lemin ghaliha wehidha, titnizzel id-deskrizzjoni.

Nikkonkludu TITLU 49 billi nimmutaw li l-CARD-INDEX ghandu jinzamm f'filing cabinet apposta, bil-'cards' wara xulxin skond in-numru tat-TITLU. Ghalhekk l-ordni tal-'cards' ghandha tirrifletti l-ordinament tad-dokumentazzjoni fuq l-ixkaffef ta' l-Arkivju.

50 ARKIVJU SIGRIET.

Parti mill-Arkivju Parrokkjali ghandha tkun riservata ghal xi dokumentazzjoni li kemm minn natura taghha, kif ukoll mil-legislazzjoni tad-Dritt Kanoniku jew ta' Sinodu Djocesan, ghandha tkun assolutament mistura. Poggejniha fl-ahhar 'l-ghaliex lanqas m'ghandha tidher fl-Inventarju. Propju ghalhekk tissejjah ARKIVJU SIGRIET.

WERREJ

PREZENTAZZJONI 5
DAHLA 7
TITULARJU 10
BIBLJOGRAFIJA 13
GWIDA 15
1 Atti Kostruzzjoni. Pjanti. 16
2 Inventarju Beni Immobbli. Mobbli. 16
2/Inventarju Beni Mobbli 17
3 Inventarju Suppellettili Sagri. Oggetti Arti. 18
3/Inventarju Suppellettili Sagri 19
3/Oggetti ta' l-Arti 22
3/Inventarju Purcissjoni 23
4 Vizti Pastorali. Kwestjonijiet. 25
5 Atti Erezzjoni. Konfini. 25
6 Inventarju Beni Immobbli. Mobbli. 25
7 Kappillani. Bijografija. Ritratti. 26
8 Sacerdoti. Bijografija. Ritratti. 26
ARKIVJU PARROKKJALI - TITULARJU 28
9 Abbattini. Sagristani. Letturi. Fratellanzi. 31
10 Korijiet. Organisti. 31
11 Vokazzjonijiet mill-Parrocca. 32
12 Registri Maghmudijiet. 32



13 Registri L-Ewwel Tqarbina. 33
14 Registri Grizma ta' l-Isqof. 33
15 Registri Zwieg. 33
16 Registri Imwiet. 33
17 Registri Status Animarum. Statistici. 33
18 Rapporti Pastorali. 33
19 Rapporti Omelitici. 34
20 Karti tal-Muzika. 34
21 Lista Fundazzjonijiet. 34
22 Lista Fiducjarji. 35
23 Lista Ghotjiet. Karti konessi. 35
24 Registri tal-Quddies. 36
25 Prebenda Parrokkjali. Registri qodma. 36
26 Amministrazzjoni. Legati. Registri qodma. 36
27 Ledger Prebenda. Files relativi. 37
28 Ledger Legati. 37
29 Files relativi. 37
30 Ledger Generali. 38
31 Files relativi. 38
32 Income Tax Returns. 39
33 C.J.C. Konciliju Regjunali. Sinodu. 39
34 Ittri Pastorali. Cirkularijiet. 40
35 Atti Kurja. Senat Kleru. Kunsill Pastorali. 40
36 Bulletin Arci Djocesan. 40

37 Minuti Presbiterium. Kunsill Parrokkjali. 40
38 Korrispondenza Religjuza Generali. 40
38 - Numru tal-Protokoll 41
39 Korrispondenza Civili. 42
40 Atti Kostruzzjoni. Pjanti. Inventarju 42
41 Amministrazzjoni. 43
42 Relazzjoni Ghaqdiet Lajci. 43
43 Kronaka Parrokkjali. Albums. 44
44 Bullettin Parrokkjali. 44
45 Publikazzjonijiet Parrokkjali. 45
46 Monografiji relativi mal-Parrocca. 45
47 Tapes. Films. 46
48 Miscellanea. 46
49 Inventarju ta' l-Arkivju. 48
49 - Card Index 48
49 - Registru Inventarju 51
50 Arkivju Sigriet. 52
WERREJ 53